MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 185/1999/1

**Joe u Antonella konjugi Xerri.**

**v.**

**Caruana & Cini Company Ltd.,**
**u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2001**
**gie kjamat fil-kawza Carmel Portelli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-kjamat fil-kawza minn sentenza moghtija fis-7 ta' Mejju 2009 mill-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, li laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, cahdet dawk tal-kjamat fil-kawza u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess kjamat fil-kawza. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell.

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi xtraw konsenja ta' madum mingħand is-soċjeta' konvenuta, liema madum ġie mwaħħal fir-residenza tagħhom skont struzzjonijiet u pariri mogħtija lilhom mill-istess soċjeta' konvenuta;

"Illi wara ftit taż-żmien l-istess madum beda jinqala' minn postu bil-konsegwenza illi l-atturi huma kostretti illi jerġgħu jaqilgħu l-madum kollu;

"Illi fil-proċess illi matulu l-atturi jaqilgħu l-madum, hemm il-possibilita' illi numru kbir tal-istess madum jinkiser;

"Illi l-istess madum, ladarba jinqala', irid jitnaddaf u jerġa' jitwaħħal mill-ġdid u allura hemm ukoll l-ispejjeż tax-xogħol extra li jrid jsir biex dan jerġa' jitwaħħal;

"Illi minkejja illi s-soċjeta' kionvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-atturi, hija baqgħet inadempjenti.

"Talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. "Tiddikjara s-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi;

2. "Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

3. "Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta fl-għaxra (10) ta’ Settembru 1999, bl-imgħaxijiet skont il-Liġi, u bl-inġunzjoni tas-soċjeta’ konvenuta għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Joe Xerri.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li biha eċċepiet illi:

i. “Illi qabel xejn l-atturi għandhom jippreċiżaw il-bażi ġuridika tal-azzjoni tagħhom u ċioe’ minn fejn jirriżulta l-obbligu pretiż mill-atturi għall-ħlas ta’ danni a karigu tas-soċjeta’ konvenuta.

ii. “Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta’ konvenuta ma tat lill-atturi ebda pariri dwar it-twaħħil tal-madum.

iii. “Illi jirriżulta wkoll li l-atturi ma nxewx skont id-direzzjonijiet mogħtija mill-manifattur tal-prodotti minnhom applikati fit-tqegħid tal-madum imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

“B’riserva ta’ kull eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jirriżultaw validi fil-kors tal-proċeduri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Emanuel Cini.

“Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2001 li bih ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Carmel Portelli.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża li biha eċċepixxa illi:

1. “Preliminarjament l-intempestivita’ ta’ din il-kawża stante illi l-kjamat fil-kawża Carmel Portelli qatt ma ġie interpellat sabiex jirrimedja għal xi xogħlijiet;

2. “Preliminarjament il-kjamat fil-kawża qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi fil-konfront tiegħu a tenur tal-Artikolu 2149 (a) u 2153 tal-Kap. 16;

3. “Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjent ma għandu l-ebda responsabbilita’ għal dak li ġara u dan stante li l-kjamat fil-kawża Carmel Portelli kien biss il-kuntrattur li waħħal il-madum mertu ta’ din il-kawża, liema madum u kolla ġew suppliti mis-soċjeta’ Caruana & Cini Company Limited;

4. “Illi l-istess eċċipjent waħħal dan il-madum skont il-pariri u struzzjonijiet mogħtija mir-rappreżentanti tas-soċjeta’ Caruana & Cini Company Limited;

5. “Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess kjamat fil-kawża minnu maħlufa.

“Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Awwissu 2000 li bih innominat lill-A.I.C. Mark Bonello bħala perit tekniku f'din il-kawża.

“Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppreżentata fit-3 ta' Gunju 2004 u minnu maħlufa fis-16 ta' Novembru 2004.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tagħha tal-4 ta' Diċembru 2008 fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Din il-kawża tirrigwarda kuntratt ta' appalt mogħti mill-atturi lill-kjamat fil-kawża għat-tqegħid ta' madum taċ-ċeramika madwar is-*swimming pool* tal-villa tagħhom f'Għajnsielem. Madankollu fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi

talbu mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas tad-danni kkaġunati lilhom għal xogħol u spejjeż żejda li kellhom jinkorru minħabba li dan ix-xogħol ġie esegwit ħazin allegatament fuq struzzjonijiet u pariri tal-istess soċjeta' konvenuta, li mingħandha kien inxtara dan il-madum.

"Is-soċjeta' konvenuta ċaħdet kwalunkwe responsabilita' għal dak li ġara, u peress li ħasset li għall-akkadut seta' kien responsabbli l-appaltatur li attwalment wettaq ix-xogħol, talbet il-kjamata fil-kawża tiegħu. Infatti bid-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2001 ntlaqgħet din it-talba u ġie kjamat Carmel Portelli, l-kuntrattur li qiegħed il-madum fir-residenza tal-atturi.

"Il-kjamat fil-kawża, apparti xi eċċezzjoni ta' natura preliminari, eċċepixxa ukoll il-preskrizzjoni u bħas-soċjeta' konvenuta ċaħad kwalunkwe responsabilita'.

"Fil-qosor il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:

"L-atturi xtaqu jibdlu l-madum li kellhom madwar is-*swimming pool* fir-residenza tagħhom. Billi ġia kienu klijenti stabiliti tas-soċjeta' konvenuta, l-attriċi marret fix-*showroom* tagħha r-Rabat u wara li talbet xi kampjuni ta' madum adattat biex tarahom fuq il-post, għażlet madum taċ-ċeramika tat-tip *gres* u ordnat kwantita' minnu. Kif kienet qed tagħmel din l-ordni, saqsiet lil Emanuel Cini, direttur tas-soċjeta' konvenuta, setgħax dan il-madum jitqiegħed direttament fuq dak eżistenti u dan weġibha li kien possibbli li jsir hekk u l-madum il-ġdid jitqiegħed fuq il-qadim, billi jitwaħħal b'kolla adattata, basta jiġu segwiti ċerti proċeduri.

"Biex jagħmel dan ix-xogħol l-atturi nkarigaw lill-kjamat fil-kawża, li ġia kienu ħadmu bih preċedentement. Malli sar jaf li kellu sempliċement iwaħħal il-madum il-ġdid bil-kolla fuq il-madum il-qadim, hu wera li ma tantx kien konvint minn dan il-metodu u li kien jippreferi li jaħdem bil-mod tradizzjonali, u ċioe' li jaqla' l-madum il-qadim u jqiegħed il-ġdid minfloku permezz tat-'tajn' magħmul minn taħlita ta' siment u ramel. Madankollu aċċetta li jieħu din il-biċċa

xogħol u jaħdimha skont l-istruzzjonijiet li kienu ngħatawlu.

"Il-madum beda jitqiegħed fil-post b'dan il-mod mill-kjamat fil-kawża, għall-ħabta ta' Gunju tas-sena 1999. Hekk kif kienet tlestiet gurnata xoghol, l-attrici indunat li kien sar zball fid-disinn u ghalhekk infurmat minnufih lill-kuntrattur u lis-*supplier* tal-madum b'li kien ġara. Carmel Portelli u Emanuel Cini aċċedew mal-ewwel fuq il-post u qalgħu xi madum biex jirranġaw l-iżball. L-attriċi wriet il-preokkupazzjoni tagħha għall-mod daqstant faċli li bih inqala' dan il-madum, imma l-oħrajn assikurawha li dak kien dovut għall-fatt illi x-xogħol kien għadu frisk.

"F'Awwissu tal-istess sena, wara li t-tqegħid kien tlesta kollu, l-atturi ndunaw li dan il-madum beda jinqala' u jogħla 'l fuq. Ippretendew għalhekk illi dan jiġi rimedjat a spejjeż tas-soċjeta' konvenuta billi x-xogħol kien sar fuq il-parir u struzzjonijiet tagħha. Is-soċjeta' konvenuta pero' ma riditx taċċetta r-responsabilita' għal dan, u l-atturi spiċċaw reġgħu inkarigaw lill-kjamat fil-kawża biex jaqla' l-madum kollu, inkluż il-qadim ta' taħtu, u jerġa' jqiegħed il-madum tal-*gres* bil-metodu tradizzjonali. L-atturi ghalhekk jippretendu li jigu rimborsati għall-ispejjeż żejda li ġew inkorsi minnhom, ammontanti għas-somma komplessiva ta' Lm1403.85 ekwivalenti llum għal Eur 3270.09.

"Il-perit tekniku nominat biex jirrelata dwar dawn ix-xogħlijiet ikkonkluda li "…*jidher illi l-metodu w materjali li ntużaw sabiex jitqiegħed u jitwaħħal il-madum ċeramika 'gres' fuq il-madum ċeramika 'cotto' li kien jeżisti qabel, ma kienux adegwati w għalhekk ikkawżaw il-ħsara li saret fl-istess madum*." [1]

"Il-liġi tagħna ftit titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur.[2] Ġie pero' stabilit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza illi:

"*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie.*

[1] Ara l-ahhar parti tar-relazzjoni tieghu a fol. 54 tal-process .
[2] art. 1633 - 1643 tal-Kap. 16 .

*“Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opere conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di guarantire la solidita' delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantita' prescritta, nel luogo e colla forma indicati.*

“*Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto cio' che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."* [3]

“Ingħad f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna illi "*l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skont il-liġi*." [4] Dan għaliex "*id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol esegwit b'materjal ħażin.*" [5] Ġie in effett ritenut f'kawża fejn l-appaltatur kien qed ifittex kemm lill-perit kif ukoll lill-kuntrattur għal xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini "*li d-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art jikkomprendi anke d-difett fil-materjali wżati fil-kostruzzjoni għax il-bonta' tal-materjal tidħol fl-ambitu ta' responsabilita' tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni. Dan billi l-esekuzzjoni tax-xogħol tinvolvi anke l-għażla tal-materjal u l-appaltatur u l-arkitett ma għandhomx jadoperaw materjali mhux tajba anke jekk is-sid ikun irid li jiġu wżati dawk il-materjali mhux tajba, imma għandhom jirrifjutawhom*." [6] Minn dan jitnissel in linea ta'

---

[3] Marco Vitalevi : Digesto Italiano Vol. III. pte. 2a;Torino,1926 # 79 pag.40

[4] kollez. Vol. XLI p. ii p 892 .

[5] kollez. Vol. XLI p. I p 667 .

[6] kollez. Vol. XXIX p. i p 442 .

prinċipju illi "*ġialadarba jinkombi b'obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta' indoli teknika fl-esekuzzjoni tal-opra, komprensiv f'dan il-kontroll tal-materjal intiż li jiġi wżat, huwa għandu jastjeni ruħu milli jesegwixxi l-opra jekk ikun deherlu, b'diliġenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaċi 'l quddiem jimmanifesta difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem*." [7]

"Sinjifikanti ħafna għall-każ in eżami hija s-segwenti sentenza fejn ġie ribadit illi: "*Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża Farrugia vs Portelli et. deċiża fid-9 ta' Ottubru 1987, 'l-appaltaturi ma jistgħux jeżoneraw ruħhom minn responsabilita' għax-xogħol li għamlu kontra s-sengħa fuq torba għasra billi jgħidu li dan għamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromessjoni tal-kommittenti. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqegħid ta' madum fuq xahx imxarrab għasra u riedu jieħdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqgħu responsabbli għax dover tagħhom li jipprestaw opra sodisfaċenti u jirreżistu kwalunkwe intromissjoni ta' min jinkarigahom;' (ara wkoll fl-istess vena, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Jannar 1992, fil-kawża Galea vs Chircop u dik mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta Marzu 1994, fil-kawża Bonnici vs Abdilla). Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża Camilleri Marble Works Ltd. vs Bowd deċiża fl-20 ta' Jannar 2003, qalet li kuntrattur għandu jirreżisti kull indħil fil-xogħol tiegħu li jwasslu għall-bini li ma jkunx skont l-arti u s-sengħa*." [8]

"Fil-każ in eżami sew l-atturi kif ukoll il-kjamat fil-kawża qed jitfgħu t-tort għal dak li ġara fuq is-soċjeta' konvenuta, għax jikkontendu illi kien permezz ta' assikurazzjoni li ngħatatilhom mid-direttur tagħha Emanuel Cini, li spiċċaw biex aċċettaw il-parir tiegħu li jwaħħlu l-madum il-ġdid fuq dak eżistenti permezz tal-kolla. Madankollu din il-Qorti ma tarax kif tista' s-soċjeta' konvenuta tiġi allokata b'xi

[7] Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe. Appell Kumm. 27.03.1972 .
[8] Prim' Awla: Direttur Generali tax-Xoghlijiet Pubblici vs Charles Azzopardi : 3.07.2003.

ħtija għal din ir-raġuni biss. L-ewwel nett din ma kienet ser takkwista xejn bl-użu ta' dan il-metodu, għajr għall-ftit profitt fuq il-bejgħ tal-kolla, kemm-il darba din tkun inxtrat minn għandha, ħaġa li bl-ebda mod ma ġiet ippruvata fil-kawża preżenti. Terġa' l-istess soċjeta' qatt ma assumiet ebda responsabilita' għas-superviżjoni ta' dan ix-xogħol u wisq anqas kienet ser titħallas ta' hekk. Emanuel Cini offra biss li jispjega lil Carmel Portelli x'kellu jagħmel biex ix-xogħol jiġi esegwit sewwa.

"Minn naħa l-oħra l-kjamat fil-kawża, jekk ma kiex daqstant konvint minn dan il-metodu ta' tqegħid ta' madum, messu rrifjuta li jesegwih, kif rajna fil-ġurisprudenza hawn iċċitata. Ġialadarba aċċetta, anke jekk forsi kontra qalbu u sempliċement biex jikkontenta l-klijenti, irid issa jassumi r-responsabilita' għal kull ma ġara. Mir-rapport tal-perit tekniku joħroġ illi x-xogħol ma ġiex esegwit sew prinċipalment għal żewġ raġunijiet: (i) għax ma ġiex ikkalkolat li l-madum qadim tat-tip *cotto* kellu rata ta' espansjoni ferm iżjed qawwija minn dik tal-madum il-ġdid tat-tip *gres* u għalhekk kellhom jintużaw *spacers* u jsiru *expansion joints* kull tant metri kwadri; u (ii) għax intużat kolla li ma kienitx addattata għall-użu fuq barra, u ma ġiex innegat li din il-kolla ġiet mixtrija minn Portelli stess, mhux neċessarjament mingħand is-soċjeta' konvenuta. Dan jindika nuqqas ta' esperjenza fil-kjamat fil-kawża fl-użu ta' dan il-metodu ta' kif jitwaħħal il-madum. Madankollu, ma ħassx li kellu jikkonsulta sew lil Cini f'dan ir-rigward, u kkuntenta ruħu b'sempliċi telefonata fejn Cini fakkru li kien ġia għamel xi xogħol simili fid-dar ta' ommu stess. Għal din in-nuqqas ta' ħila ma jista' jaħti ħadd ħlief il-kjamat fil-kawża bħala l-appaltatur, li jibqa' responsabbli wkoll għal dak li jkunu għamlu l-ħaddiema tiegħu li assistewh f'dan l-inkarigu.[9]

"Preliminarjament Carmel Portelli eċċepixa illi l-kawża kienet intempestiva fil-konfront tiegħu, billi huwa qatt ma ġie interpellat biex iħallas dawn id-danni. Irriżulta ampjament mill-provi illi sa mill-bidu nett huwa qatt ma ried jassumi ebda responsabilita' għal dak li ġara, u tefa' t-

[9] art. 1642 kap. 16 .

tort kollu fuq id-direttur tas-soċjeta' konvenuta li fil-fehma tiegħu webbel lill-attriċi biex tuża l-metodu tal-kolla għat-tqegħid tal-madum. Kwalunkwe interpellazzjoni f'dan ir-rigward kienet għalhekk żgur tkun għal kollox superfluha.

“Eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-artikoli 2149(a) u 2153 tal-Kap. 16. Imma tal-ewwel ma jistgħax ikunu applikabbli għall-każ in eżami, għax jirreferi għall-azzjoni *inter alia* tal-kuntratturi għall-opri maħduma minnhom u l-materjal li jfornu, u hawn għandha kawża għad-danni; u fir-rigward tal-ieħor jirriżulta li ma kienux laħqu skadew is-sentejn stipulati mil-liġi minn meta ġara l-każ, billi l-ħsara fil-madum ġiet rivelata f'Awwissu 1999 u l-appaltatur ġie kjamat fil-kawża fit-12 ta' Jannar 2001.

Fir-rigward tal-ispejjeż inkorsi mill-atturi sabiex jerġgħu jaqilgħu l-madum, sew il-ġdid u anke il-qadim, u jqegħduh mill-ġid bil-metodu tradizzjonali, huma spjegaw illi nefqu ammont totali ta' Lm1403.85, u ċioe':

“(i) kwantu għal Lm791 meta l-madum il-ġdid twaħħal bil-kolla fuq il-madum il-qadim, liema somma tinkludi l-ispejjeż tax-xogħol, kolla u *grouting*;

“(ii) kwantu għal Lm320 spejjeż tax-xogħol ta' meta reġa' inqala' l-madum il-ġdid u tnaddaf mill-kolla; u

“(iii) kwantu għal Lm292.85 spejjeż biex reġa' twaħħal il-madum bis-siment u r-ramel u tal-madum *extra* li kellu jinxtara billi uħud kienu tkissru meta nqalgħu.

“Il-kjamat fil-kawża li naturalment għamel dan ix-xogħol huwa stess u tħallas tiegħu qatt ma seta' jikkontesta l-istess ċifri, u għalhekk dawn huma ripetibbli.

“Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tiċħad dawk tal-kjamat fil-kawża, tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess kjamat fil-kawża u:

1. “tiddikjara lill-kjamat fil-kawża Carmel Portelli, responsabbli għad-danni kkaġunati lill-atturi

minħabba x-xogħol esegwit ħażin minnu fit-tqegħid tal-madum madwar is-*swimming pool* fir-residenza tagħhom;

2. “tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm1403.85, ekwivalenti llum għal tliet elef mitejn u sebgħin ewro u disa' ċenteżmi (Eur3270.09) u

3. “tikkundanna lill-istess kjamat fil-kawża sabiex iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-istess kjamat fil-kawża.”

**L-appell tal-kjamat fil-kawza Carmel Portelli**

2. Il-kjamat in kawza hassu aggravat b’din is-sentenza suddetta u interpona dan l-appell permezz ta’ rikorsipprezentat fis-26 ta’ Mejju 2009.

3. L-aggravji tieghu huma fis-succint is-segwenti:-

I. L-Ewwel Qorti kienet totalment zbaljata meta addebitatu bir-responsabbilita` tad-danni sofferti mill-atturi stante li kienet is-socjeta` konvenuta li forniet materjal ossia kolla li ma kinitx adattata ghax-xoghol li kellu jsir ghand l-atturi;

II. Ghalhekk ir-responsabbilita` tad-danni reklamati ghandha tkun tas-socjeta` konvenuta stante li kienu huma li sgwidawh, bl-assikurazzjoni da parti tad-diretturi taghha, fir-rigward tal-adattabilita` tal-istess kolla;

III. Huwa, bhala appaltatur, esegwixxa aktar minn diligenza ordinarja fl-esekuzzjoni tal-istess appalt u ghalhekk isostni li mhuwiex minnu dak li rriteniet l-Ewwel Qorti illi jekk huwa ma kienx daqshekk konvint mill-metodu suggerit allura messu irrifjuta li jesegwih, u ma jaccettax pressjoni mill-atturi sabiex juza materjal li m’huwiex tajjeb.

**Ir-Risposta tas-socjeta` konvenuta**

4. Illi s-socjeta` konvenuta rrispondiet ghall-appell interpost mill-kjamat in kawza fil-15 ta' Gunju 2009 u fis-succint qalet is-segwenti:-

I. L-Ewwel Qorti kienet gusta meta ddecidiet li l-mod kif twahhal il-madum jindika nuqqas ta' esperjenza da parti tal-kjamat fil-kawza fl-uzu tal-metodu adoperat;

II. Ma huwa minnu xejn li l-istess socjeta` zgwidat lill-kjamat fil-kawza stante li l-involviment taghha kien wiehed marginali stante li qatt ma tat pariri lill-attur dwar kif kellu jitwahhal il-madum, izda rapprezentant tal-istess socjeta` kien semplicement ta suggeriment dwar kif seta' jitwahhal l-istess madum wara li gie mistoqsi mill-atturi dwar jekk setghax jitwahhal madum fuq iehor. Ghaldaqstant l-istess socjeta` qatt ma assumiet xi responsabbilita` fir-rigward tat-twahhil tal-istess madum;

III. Skont l-istess socjeta` la l-atturi u lanqas il-kjamat fil-kawza ma gabu prova illi l-kolla li ntuzat biex jitwahhal il-madum kienet mixtrija minghandha. Pero` gie sottomess illi anke jekk jigi accettat li l-kolla kolla nxtrat minghandha, xorta wahda r-responsabbilita` ghal dak li gara hija tal-kjamat in kawza stante li kien jinkombi fuqu li japplika l-istess kolla b'mod tajjeb u kif tirrikjedi s-sengha u l-arti;

IV. Fl-ahhar nett, is-socjeta` konvenuta ssostni illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaghti ragun lill-kontenut ta' dan l-appell, xorta wahda, kif proposti, t-talbiet ma jistghux jintlaqghu ghaliex ma sarx appell mill-fatt li l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni taghha rigward il-bazi guridika tal-azzjoni tal-atturi *vis a` vis* is-socjeta` konvenuta.

**Ir-risposta tal-atturi**

5. L-atturi pprezentaw ir-risposta taghhom fis-17 ta' Gunju 2009 fejn qalu s-segwenti:-

6. Hija s-socjeta` konvenuta li ghandha tirrispondi ghad-danni subiti minnhom stante li kienet hija li pprovditilhom

kolla mhux adattata ghall-iskop li kellhom bzonnha. Inoltre kienet l-istess socjeta` li tat il-parir lill-kjamat in kawza biex juza l-kolla provduta minnha stess, kif kienet ukoll hi li informat lill-atturi li l-madum seta' jitwahhal fuq il-madum ezistenti.

**Fatti tal-kawza**

7. L-atturi appellati kienu xtraw madum tat-tip "Porfido Rosa" minghand is-socjeta` appellata sabiex jigi mqieghed fil-parti tad-*deck area* madwar is-*swimming pool* tar-residenza taghhom. Huma inkarigaw lill-kjamat in kawza biex iwahhal l-istess madum.

8. Jirrizulta illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-atturi appellati xtraw madum minghand is-socjeta` appellata u lanqas kienet l-ewwel darba li l-appellant esegwixxa xoghol ghand l-appellati. Jirrizulta wkoll illi l-istess appellant kien hadem xoghol ta' tqeghid ta' madum ghand omm wiehed mir-rapprezentanti tal-istess socjeta` appellata.

9. Ghalhekk huwa ovvju li kemm l-appellati u kif ukoll is-socjeta` appellata kienu midhla tal-kwalita` ta' xoghol li kien joffri l-appellant.

10. Gara illi fl-istadju inizjali tat-tqeghid tal-madum kien hemm xi zball fil-mod kif kellu jigi d-disinn tal-madum, liema zball gie rettifikat wara li r-rapprezentanti tas-socjeta` appellata marru fuq il-post. Dakinhar il-madum inqala' facilment u l-appellant u l-atturi appellati urew it-thassib taghhom ghall-mod facli li bih kien inqala' l-istess madum. Madankollu, skont l-appellati u l-appellant, ir-rapprezentant tas-socjeta` appellata serrhilhom mohhhom li ma kienx se jkun hemm problemi u li kien inqala' daqshekk facilment ghax kien ghadu kemm twahhal frisk.[10]

11. Izda problemi kien hemm stante li xi ftit gimghat wara, il-madum beda jinqala' tant li l-atturi appellati

[10] Affidavit tal-attur a fol. 67

kellhom jaqilghuh kollu, jaqilghu il-madum ta' tahtu, u jergghu jpogguh bil-metodu tradizzjonali ta' siment u ramel.

12. Filwaqt li l-atturi appellati qeghdin isostnu li d-danni minnhom sofferti gew hekk subiti htija tas-socjeta` appellata stante li kienet hi li tathom parir li jwahhlu madum fuq iehor bil-kolla fornita minnha, l-istess socjeta` appellata qeghdha taddebita r-responsabbilita` lill-appellant li kien inkarigat bit-twahhil tal-madum u dan stante li skont hi m'ghamilx ix-xoghol skont is-sengha u l-arti, partikolarment meta gie biex ihallat il-kolla u wkoll ghaliex pogga l-madum f'hinijiet tal-gurnata meta ma kienx indikat li dan jitqieghed.

13. L-Ewwel Qorti, stante n-natura teknika tal-kawza, innominat lill-Perit Tekniku Mark Bonello sabiex jirrelata dwar il-metodu ta' kif twahhal il-madum. Il-Perit irrelata li kemm il-metodu kif ukoll il-materjal uzat biex jitwahhal l-istess madum ma kinux adegwati u ghalhekk ikkawzaw il-hsara li saret fl-istess madum. Huwa jattribwixxi dawn in-nuqqasijiet ghall-fatt li l-kolla uzata u cioe` l-kolla maghrufa bhala Mapekol T3 Adesivo ma kinitx ghal uzu specifiku ghat-twahhil ta' madum fuq barra, filwaqt li kien hemm nuqqas ta' *expansion joints* sabiex il-madum ikollu fejn jiccaqlaq jekk jespandi.

14. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet li r-responsabbilita` tad-danni sofferti mill-atturi kienet tinkombi biss fuq il-kjamat in kawza stante illi:-

I. Jekk ma kienx konvint mill-metodu suggerit lilu messu rrifjuta li jesegwixxi l-istess xoghol;

II. Ma giex innegat li l-kolla uzata giet mixtrija minnu stess, izda mhux necessarjament minghand is-socjeta` konvenuta;

III. Kien hemm nuqqas ta' esperjenza da parti tal-kjamat fil-kawza fl-uzu tal-istess metodu kif kellu jitwahhal il-madum u ma hassx li kellu jikkonsulta sew lir-

rapprezentant tas-socjeta` konvenuta f'dan ir-rigward u kkuntenta ruhu b'semplici telefonata fejn l-istess rapprezentant kien fakkru li kien gia ghamel xi xoghol simili fid-dar ta' ommu stess.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Din il-Qorti sejra tibda biex taghmel referenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku. L-ebda parti ma jirrizulta li eskutiet lill-istess Perit u lanqas jirrizulta illi hemm xi kritika tal-konkluzjonijiet raggunti minnu. Ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tarax li hemm ragunijiet gravi li jpoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika raggunta mill-istess Perit. Konsegwentement l-istess konkluzjonijiet jikkostitwixxu prova ta' fatt skont il-ligi li din il-Qorti trid tqisha flimkien mal-provi l-ohra prodotti mill-partijiet.

16. Stabbilita l-kawza tad-dannu subit mill-atturi, jonqos li jigi ezaminat lil min se jigi addebitat it-tort ghal tali dannu. Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti dwar l-obbligi tal-appaltatur. Din il-gurisprudenza taqbel li l-appaltatur mhux biss ghandu jesegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalih l-appaltant ikun ghamel l-ordni. Ghalhekk *"jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita` minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent"* (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinkombi fuqu b'dover "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**).

17. Gie deciz ukoll illi *"l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol; u dan avolja s-sorveljanza ta' dan ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta' difett ta'*

*sorveljanza ghandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni."* (**Kollez. Vol. XXXVII PIII p 883**). Dan jaqbel mal-hsieb enuncjat mill-Qrati taghna illi "*l'impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l'appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**).

18. Jirrizulta mill-provi li x-xoghol maghmul mill-appellant kellu fil-fatt jerga' jsir minhabba difetti lamentati mill-atturi u dak li issa trid tezamina din il-Qorti hu min se jwiegeb ghal tali difetti. Filwaqt li l-appellant jitfa' r-responsabbilita` fuq il-kolla fornita lilu mis-socjeta` appellata u wkoll lill-pariri, skont hu, hziena tal-istess socjeta`, is-socjeta` appellata tezimi ruhha minn kull responsabbilita` billi tghid illi ma ngabet l-ebda prova illi l-kolla li ntuzat kienet dik mixtrija minghandha, u li fil-verita` hija ma kellha l-ebda rwol fit-tqeghid tal-madum stante li hi bl-ebda mod ma kienet giet kontrattata biex tissorvelja l-istess xoghol.

19. Dan necessarjament jinvolvi apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Tali provi huma konfliggenti ghax l-appellant u s-socjeta` appellata ma jaqblu xejn dwar kif zvolgew l-affarijiet u x'diskors intqal bejniethom. Izda minn apprezzament tal-istess provi din il-Qorti hija tal-fehma illi dak li sehh huwa s-segwenti:-

20. L-atturi appellati ordnaw konsenja ta' madum tat-tip ceramika *"gres"* minghand is-socjeta` appellata u inkarigaw lill-appellant sabiex jesegwixxi t-tqeghid tal-istess madum. Rapprezentanti tas-socjeta` appellata issuggerew illi ma kienx hemm bzonn li jinqala' l-madum l-antik biex jitpogga minfloku dak gdid, u ghal dan il-ghan huma ssuggerew li l-madum il-gdid jitwahhal b'kolla li setghu ifornuha huma stess. L-appellant xtara l-istess kolla tat-tip Mapekol T3 Adesivo minghand is-socjeta` appellata u anke gie muri kif din tithallat mir-rapprezentant tal-istess socjeta`. Izda din il-qorti jirrizultalha illi huwa probabbli li t-tahlita ma saritx skont is-sengha u l-arti mill-appellant jew min-nies imqabbdin minnu u ghalhekk ma tatx ir-rizultat mixtieq. Irrizulta wkoll illi l-Perit Tekniku

kkonstata illi l-imsemmija kolla ma kinitx l-izjed wahda indikata ghal twahhil ta' madum fuq barra peress li l-Kumpanija li timmanifattura l-istess kolla kienet tipproduci kolla ohra, Mapekol PM69 Ingelivo, li kienet specifikatament intenzjonata ghat-twahhil ta' madum fuq barra.

21. Din il-Qorti hija tal-fehma illi bejn l-appellati, s-socjeta` appellata u l-appellant kien hemm fiducja shiha stante li hadmu drabi ohra flimkien. Dan wassal biex l-appellati joqoghdu fuq is-suggeriment tas-socjeta` appellata illi dak suggerit minnha seta' fil-fatt isir u ghalhekk l-appellant gie konvint biex jahdem bil-mod suggerit mis-socjeta` appellata.

22. Dwar l-espansjoni o meno tal-madum ezistenti tat-tip "cotto" dan kellu jikkonstatah min kien se jqieghed il-madum ghax tidhol fil-mansjoni tieghu jekk iqieghedx jew le fuq tali madum bil-konsapevolezza li r-rata ta' espansjoni tieghu hija ikbar minn dik tal-madum tip "gres".

23. Inoltre jirrizulta illi parti mill-hsara saret ghaliex proprju fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol, l-appellant naqas milli kull tant metri jpoggi *expansion joints* biex jipprovdu spazju fejn il-madum seta' jiccaqlaq minghajr ma ssirlu hsara. Ta' dan certament huwa responsabbli unikament l-appellant.

24. Ghaldaqstant filwaqt li l-appellant huwa responsabbli ghall-fatt li ma hasibx biex jaghmel *expansion joints* biex ma ssirx hsara fil-madum, u wkoll responsabbli ghal tahlit hazin tal-kolla li biha twahhal il-madum, is-socjeta` appellanti hija wkoll responsabbli li forniet kolla li ma kinitx l-izjed wahda indikata ghat-tip ta' xoghol li kellu jsir mill-appellant. Is-socjeta` appellata kienet taf fejn kienet se tigi adoperata l-istess kolla stante li l-madum kien inxtara minghandha u sahansitra anke r-rapprezentant taghha kien mar fuq il-post fejn kien qed jigi esegwit ix-xoghol[11]. Ghalhekk hija ghandha terfa' wkoll parti mir-responsabbilita` ghad-danni subiti mill-appellati.

[11] Il-kolla gabuha fuq il-post Carauna & Cini . Ara fol 120, 205 u 106.

25. Is-socjeta` appellata fir-risposta taghha ssottomettiet illi anke jekk dan l-appell kellu jigi milqugh, xorta wahda hi ma tistax tigi kkundannata ghall-hlas ta’ danni stante li l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu talab biss biex din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa minnu. Skont hi, ghalhekk, ma sarx appell mill-fatt li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni taghha rigward il-bazi guridika tal-azzjoni attrici. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni u tirrileva illi filwaqt li huwa minnu li l-appellant talab li l-eccezzjonijiet tieghu jigu milqugha, huwa talab ukoll li tigi revokata is-sentenza appellata. Ghalhekk m’hemm xejn x’izomm lil din il-Qorti milli tvarja l-istess sentenza anke jekk m’hemmx talba specifika biex tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata.

26. Is-socjeta` appellata tissottometti wkoll illi f’kaz li din il-Qorti tilqa’ dan l-appell allura ghandha tidhol fil-mertu tal-kwistjoni tad-danni jew altrimenti tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex din tidhol fl-istess mertu.

27. Ghal dak li ghandu x’jaqsam likwidazzjoni ta’ danni l-Ewwel Qorti llikwidat l-istess fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u sebghin ewro u disa’ centezmi (EUR 3270.09) gia` Lm1403.85 rapprezentanti:-

i. Kwantu ghal Lm791 meta l-madum il-gdid twahhal bil-kolla fuq il-madum il-qadim, liema somma tinkludi l-ispejjez tax-xoghol, kolla u *grouting;*[12]

ii. Kwantu ghal Lm320 spejjez tax-xoghol ta’ meta rega’ nqala’ l-madum il-gdid u tnaddaf mill-kolla,[13] u

iii. Kwantu ghal Lm292.85 spejjez biex rega’ twahhal il-madum bis-siment u r-ramel u tal-madum extra li kellu jinxtara.[14]

[12] Dok A a fol.69
[13] Dok B a fol.70
[14] Dok C sa E a fol.71-73

28. Il-Qorti tirrileva li ma kien hemm l-ebda eccezzjoni jew aggravju li d-danni pretizi mill-appellati huma esagerati. Madankollu din il-Qorti tippreciza biss illi d-danni likwidati fl-ammont ta' Lm292.85 ma kinux jikkomprendu, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, it-twahhil mill-gdid tal-madum bis-siment u r-ramel imma kienu dovuti biss ghall-madum zejjed li kellu jinxtara kif jirrizulta minn Dokumenti C, D u E a fol. 71 sa 73 tal-process. Dan pero` ma jbiddel xejn mill-ammont komplessiv ta' danni mitluba u kif likwidat mill-Ewwel Qorti.

29. Il-Qorti tinnota li nonostante dak li ghadu kemm inghad is-somma ta' Lm791 f'kull kaz dejjem kellha tithallas mill-atturi, anki kieku x-xoghol sar sew, altrimenti l-atturi jigu li ma hallsu xejn ghat-twahhil tal-madum.

30. Ghaldaqstant, tenut kont tar-ragunijiet esposti iktar 'il fuq, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-responsabbilita` ta' dak li gara hija in parte tas-socjeta` appellata, liema responsabbilita` pero` hija inqas minn dik tal-appellant li esegwixxa x-xoghol innifsu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti s-socjeta` appellata ghandha tigi kkundannata li thallas terz tad-danni likwidati, filwaqt li l-appellant jigi kkundannat ihallas zewg terzi tal-istess danni likwidati.

**DECIDE**

31. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara illi r-responsabbilita` ghad-danni sofferti mill-atturi ghandha tigi merfugha in kwantu terz mis-socjeta` appellata u zewg terzi mill-appellant u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` appellata thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€475.84) u lill-appellant ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u sebghin centezmi (€951.71).

32. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi in kwantu terz a karigu tas-socjeta` appellata u zewg terzi ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------